*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Stoyanova Valchanova, M. Fischer u D. Gája, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* CG Verwaltungsgesellschaft mbH (Gevelsberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Körber u T. E. Vlah, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' April 2015 (Każ R 2441/2014-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn CG Verwaltungsgesellschaft u Perry Ellis International Group Holdings.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Perry Ellis International Group Holdings Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

(1) ĠU C 270, 17.8.2015.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Ottubru 2016 – Guccio Gucci vs EUIPO – Guess? IP Holder (Rappreżentazzjoni ta' erba' G imxebilkin)**

**(Kawża T-461/15)** (1)

***[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tirrappreżenta erba' G imxebilkin — Trade marks tal-Unjoni Ewropea, nazzjonali u internazzjonali figurattivi preċedenti G — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]***

(2016/C 428/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Guccio Gucci SpA (Firenze, l-Italja) (rappreżentanti: P. L. Roncaglia, F. Rossi u N. Parrotta, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Bonne, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Guess? IP Holder LP (Los Angeles, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: D. McFarland, barrister)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Mejju 2015 (Każ R 2049/2014-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Guccio Gucci u Guess? IP Holder.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Guccio Gucci SpA hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż sostnuti minn Guess? IP Holder LP quddiem il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).*

([1]) ĠU C 328, 5.10.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 11 ta' Ottubru – Guccio Gucci vs EUIPO – Guess? IP Holder (Rappreżentazzjoni ta' erba' ittri "G" imrikkbin fuq xulxin)**

**(Kawża T-753/15)** ([1])

***["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta erba' ittri 'G' imrikkbin fuq xulxin — Trade marks tal-Unjoni u internazzjonali figurattivi preċedenti 'G' — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"]***

(2016/C 428/17)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Guccio Gucci SpA (Florence, l-Italja) (rappreżentanti: P. L. Roncaglia, F. Rossi U N. Parrotta, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Bonne, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Guess? IP Holder LP (Los Angeles, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: D. McFarland, barrister)

**Suġġett**

Rikors kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Ottubru 2015 (Każ R 1703/2014-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Guccio Gucci u Guess? IP Holder.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Guccio Gucci SpA hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk l-ispejjeż sostnuti minn Guess? IP Holder LP quddiem il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Unjoni Ewropea għall-Proprjetà Intellettwali (EUIPO).*

([1]) ĠU C 78, 29.2.2016.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Settembru 2016 – PAN Europe *et* vs Il-Kummssjoni**

**(Kawża T-600/15)** ([1])

***["Rikors għal annullament — Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti — Sustanza attiva sulfoksaflor — Inklużjoni fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 — Nuqqas ta' interess dirett — Inammissibbiltà"]***

(2016/C 428/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Pesticide Action Network Europe (PAN Europe) (Brussell, il-Belġju), Bee Life European Beekeeping Coordination (Bee Life) (Louvain la Neuve, il-Belġju), Unione nazionale associazioni apicoltori italiani (Unaapi) (Castel San Pietro Terme, l-Italja) (rappreżentanti: B. Kloostra u A. van den Biesen, avukati)